MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2007

Avviz Numru. 241/2007

**Studio 7Co. Ltd. (C 12417)**

**Vs**

**Alu-finish Ltd (C-25894)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta sabiex:

i) trodd lura lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' disa mitt Lira Maltija (Lm900.00) li kienet thallset mill-istess socjeta' rikorrenti lis-socjeta intimata bhala depozitu fuq appalt illi gie terminat mis-socjeta' rikorrenti, kif kienet giet informata permezz tal-protest gudizzjarju prezentat fil-11 ta' Mejju 2007, stante inosservanza ta' l-istess appalt da parti tas-socjeta' intimata kif ser jigi ppruvat matul il-kors tal-kawza; kif ukoll

ii) trodd lura lis-socjeta rikorrenti l-hames *dies* illi kienu gew konsenjati lis-socjeta konvenuta mill-istess socjeta' rikorrenti a tenur ta' l-istess imsemmi appalt sabiex is-socjeta konvenuta tipproduci *aluminium profiles* mill-istess *dies* wara illi tkun ghamlet xoghol ta' aggustament fuq *die* minnhom, liema appalt, kif diga' gie umilment sottomess, gie sussegwentement terminat ghar-raguni premessa kif kien gie mgharraf lis-socjeta konvenuta permezz ta' l-imsemmi protest.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu, 2007 u tal-protest gudizzjarju datat 11 ta' Mejju, 2007, u tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u sekwestri bin-numru 2026/07 u 2025/07 rispettivament kontra s-socjeta' initmata illi giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal-fiijiet ta' kompetenza, jigi dikajrat illi l-valur komplessiv tad-dies ma jeccedix il-hamest elef Lira Maltija (Lm5,000.00).

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-12 ta' Settembru 2007 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900.00,0) bl-imghax legali mis-16 ta' Marzu 2007 sad-data tal-pagament effettiv u (2) trodd lura lill-istess socjeta attrici l-hames (5) “dies” imsemmijin fl-istess avviz u dan bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2007 tal-protest gudizzjarju tal-11 ta' Mejju 2007 u tal-mandati kawtelatorju ta' qbid u ta' sekwestru bin-numri 2026/07 u 2025/07 rispettivament kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------